MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2003

Rikors Numru. 343/1997/1

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta:

Illi bejn id-9 ta' Mejju, 1987 u l-15 ta' Mejju, 1995, u b'mod iktar preciz fi jew ghall-habta ta' Frar 1989 sal-15 ta' Mejju 1995 huwa sofra ngustizzja f'li garrab sensiela ta' atti diskriminatorji billi gie mwarrab minn xoghlu, inghata transfers abuzivi kif ukoll imcahhad minn promozzjonijiet.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej. Ir-rikorrent kien ilu jahdem fl-isptar San Vincenz de Paule mis-sena 1968 u dejjem okkupa kariga amministrattiva fin-Nursing. Wara sensiela ta' promozzjonijiet, fis-sena 1980, huwa gie appuntat fl-ghola kariga fin-nursing li hija dik ta' Principal Nursing Officer. Tul il-karriera tieghu, ir-rikorrent qatt ma gie dixxiplinat minhabba xi nuqqasijiet, tant hu hekk illi fis-

sena 1994, is-servizz twil tieghu gie rikonoxxat billi nghata 'Certificate of Merit' mid-Dipartiment tas-Sahha.

Taht l-inkarigu tieghu kellu madwar 1000 pazjent u madwar 600 impjegat. Wara li kien oggezzjona ghal xi 'transfers' ta' impjegati li ma kienux mahruga ufficjalment kif ukoll bla bzonn, ir-rikorrent beda jigi ddiskriminat. Fit-23 ta' Frar 1989, gie verbalment ordnat li jmur bi transfer ghall-isptar Monte Carmeli izda dan ma sehhx wara li r-rikorrent sab l-istess transfer ma kienx hareg ufficjalment. Kawza t'hekk bejn Frar 1989 u l-4 ta' Settembru 1990 garrab sensiela ta' degradazzjonijiet u diskriminazzjonijiet billi r-rikorrent gie ingustament imwarrab u ma baqax jigi delegat lilu xoghol amministrattiv. Fis-6 ta' Settembru 1990, gie trasferit (transfer ufficjalment mahrug fil-11 t'Ottubru 1990) ghal Tal-Ferha Estate, residenza zghira li fiha kien hemm akkomodati 5 pazjenti li jbatu bil-marda tal-lebbra u madwar tnax-il impjegat u fejn diga kien hemm Principal Nursing Officer iehor.
Ic-centri tas-sahha kollha kif ukoll l-isptarijiet, bl-eccezzjoni ta' Sptar Sir Paul Boffa, kienu qed jigu amministrati minn nurses ta' grad jew tnejn anqas minnu, kif ukoll f'dawk li huma esperjenza u servizz.

Fil-21 t'Ottubru 1990 kien il-hin kollu qed jigi segwit u ntuzat vjolenza fuq martu waqt il-hin tal-vizitaturi f'San Vincenz de Paule, minn Security Guard. (Dak inhar li zar l-ommu, mara ta' 91 sena, li kienet rikoverata hemm).

Fl-10 t'Ottubru 1994, id-Dipartiment tas-Sahha hareg applikazzjonijiet ghal 'Dipartmental Nursing Manager' kif ukoll ghal 'Manager Nursing Services' fil-'Health Division'. Dawn iz-zewg gradi huma simili ghal dawk ta' Senior Nursing Officer u Principal Nursing Officer. Saru l-interviews u gew minn ta' quddiem, imlahhqa u appuntati impjegati li kellhom esperjenza u servizz ferm anqas minnu. Minhabba f'hekk huwa sofra umiljazzjoni, ingustizzja u trattament degradanti.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilmenti tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud

dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Illi huwa esebixxa hames dokumenti in-sostenn tal-kaz u rrizerva li jesebixxi dokumenti ohra jekk ikun il-kaz.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi tigi mghotija lilu l-promozzjoni li kellu dritt ghaliha fil-grad ta' 'Manager Nursing Services' li fil-fehma tieghu kellu mertu u kompetenza superjuri ghal kandidati ohra, kif ukoll bl-arretrati kollha dovuti f'dan ir-rigward.  Ir-rikorrent talab ukoll li jigi kkumpensat ghall-hsara psikologika li sofra kawza tad-diskriminazzjoni mwettqa kontrieh, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas lilu kumpens ta' Lm5,000.

Ra l-lista tax-xhieda u dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tat-Tabib Principali tal-Gvern li eccepixxa:

Illi preliminarjament rigward il-promozzjonijiet il-mittent irrileva illi huwa ma hux legittimu kontradittur stante li l-Bord li jaghmel l-interviews huwa mahtur mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.  Dawk maghzula jinghataw il-hatra taghhom mill-Prim Ministru fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku di piu` tali proceduri huma insindakabbli u dan ai termini ta' l-Artikolu 115 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Illi rigward il-vjolenza li jaghmel referenza ghaliha r-rikorrent, din kienet diga mertu ta' kawza ohra u ghalhekk japplika l-Artikolu 6(2) ta' l-Att VIII ta' l-1997, u cioe 'it-Tribunal ma ghandux jaccetta li jezercita s-setghat tieghu taht dan l-artikolu f'kull kaz fejn ikun gie investigat ilment dwaru quddiem il-Kummissjoni mwaqqfa taht l-Att dwar l-Investigazzjoni ta' Ingustizzji jew li dwaru jkun tressaq quddiem xi qorti.

Illi t-transfer li gie moghti lil Joseph Attard inghata skond l-esigenzi tas-servizz ta' dak inhar u ma kien bl-ebda mod motivat sabiex tigi kommessa xi diskriminazzjoni kontra l-intimat. Di piu tali transfer sar fl-ambitu ta' l-'appointment' li jgib id-data 26 Lulju, 1984, kopja taghha giet annessa u mmarkata Dok BG1.

Ra l-lista tax-xhieda u dokumenti ta' l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Illi t-tieni eccezzjoni tal-intimat giet irtirata fis-6 ta' Mejju, 1999 wara li kienet saret dikjarazzjoni tar-rikorrent.

Illi r-rikorrentipprezenta affidavit fejn qal li ilu impjegat mad-Dipartiment tas-Sahha mill-1961. Bejn l-1968 u l-1990 okkupa pozizzjoni amministrattiva fin-nursing go l-isptar Vincent De Paule. Taht l-inkarigu tieghu kellu nurses u impjegati ohra li jammontaw ghal madwar 600. Semma li ghall-habta tal-1988 bdew isiru xi trasferimenti u hu kien esprima d-dizapprovazzjoni tieghu ghal dan mas-Superintendent it-tabib Frank Bartolo. Zied ighid li fi Frar 1989 gie trasferit ghall-isptar Monte Carmeli. Qal li fi Frar 1989 kien kellem lil Dr Giglio s-C.G.M.O. li kien ikkonfermalu li kellu talba mit-tabib Bartolo biex jigi trasferit. Spjega li kien Dr Giglio stess li qallu li jista' jerga jibda jirraporta f'St Vincent De Paule. Meta mar hemm qal li kien gie kompletament injorat u li kien tqieghed certu Joseph Gusman biex jaghmel ix-xoghol ta' Principal Nursing Officer, filwaqt li hu spicca jippassigga l-isptar. Hassu umiljat u tbaxxiet kull stima lejh. Zied ighid li mbaghad f'Settembru 1990 kien mgharraf permezz ta' telefonata d-dar mit-tabib Bartolo li kien gie trasferit tal-Ferha Estate Gharghur, fejn kien hemm biss 5 pazjenti

jbatu mill-lebra.  Qal li f'Ottubru 1994 kienu hargu sejhiet ghall-applikazzjonijiet ghal St Vincent De Paule.

Qal li minkejja l-esperjenza ferm twila tieghu u minkejja li hu kien senior mill-10 kandidati l-ohra li nhatru Manager Nursing Services.  Qal li fil-bord ta' l-ghazla kien hemm it-Tabib Bartolo li kien wera tant rezistenza kontrieh fil-passat.  Semma wkoll li kien hemm 27 ghal Departimental Nursing Manager li nghataw pass mark u kollha kellhom inqas anzjanita minnu.  Zied ighid li meta applika ghall-grad ta' Manager Nursing Services kien inghata zero ghall-interview.  Qal li hu kellu 22 sena esperjenza u bhala Principal Nursing Officer kien ikun responsabbli ghan-nurses kollha li kienu hemm.  Esebixxa kopja tal-job description ta' Principal Nursing Officer kif ukoll l-ittra tat-trasferiment.

Xehed <u>Saviour Lautier</u> Direttur tar-Rizorsi Umani u ilu jokkupa dik il-kariga mill-1993 inkarigat mid-Dipartiment tal-Human Resources.  Ikkonferma li mill-1 ta' Lulju 1980 r-rikorrent kien PNO, u ghadu f'dan il-grad sal-lum izda bir-riforma li saret fl-1993 sar Nursing Officer.  Fiz-zmien tar-riforma fid-Dipartiment kemm kien hemm numru zghir ta' Principal Nursing Officers u dak il-grad kien l-oghla grad fin-nursing minbarra d-Direttur.  Mill-1980 sa l-1987 ir-rikorrent kien PNO f'San Vincenz De Paule.

Qal li jista' jkun li r-rikorrent kellu sitt mitt haddiem jahdmu tahtu f'San Vincenz De Paule u kien hemm average ta' elf pazjent jahdmu tahtu.  Kien hemm zewg PNO's li kienu r-rikorrent u Carmel Abela.  F'Mejju 1987 r-rikorrent nghata transfer ghal tal-Ferha u kien ghadu fil-kariga ta' PNO. Dak iz-zmien kien hemm 12-il impjegat u xi sitt morda.  It-transfer tar-rikorrent hareg mill-Ministeru.  Id-direttivi ghat-transfers li jaslu fid-Dipartiment kollha jigu attwati izda gieli jkun hemm xi kazijiet fejn ikun hemm xi riservi.  Fir-rigward tat-transfer tar-rikorrent qal li gie attwat.  Ma kienx hemm PNO iehor hemmhekk qabel ma gie nkarigat ir-rikorrent.  Qal li jista' jkun li centri u sptarijiet ohra fid-Dipartiment tas-Sahha kienu qed jitmexxew mhux bin-nies bil-kariga ta' PNO.  Sostna li ma jkunx hemm raguni bil-miktub ghalfejn inghata t-transfer.

Qal li fil-11 ta’ Ottubru 1990 kien intbaghat PNO iehor f’tal-Ferha u kien hu li hareg id-direttiva tat-transfer fir-rigward tas-Sur Joseph Attard fuq l-istruzzjonijiet mill-Ministeru u din id-din id-direttiva kienet tkun verbalment. Ma kien intbaghat hadd minflok ir-rikorrent u Carmel Abela f’San Vincenz De Paule. Ir-rikorrent u Abela kienu l-ahhar PNO’s li mexxew tal-Ferha ghax wara kien hemm enrolled nurse. Enrolled nurse huwa l-inqas grad ta’ nursing. Dwar il-job description ta’ Principal Nursing Officer qal li ma sab xejn izda kkonferma li l-grad ta’ PNO kien l-oghla post fin-nursing.

Qal li ma tax direzzjoni biex xi hadd iehor f’San Vincenz De Paule jagixxi bhala Acting PNO meta r-rikorrent u Abela kienu gew trasferiti minn tal-Ferha. Semma li r-rikorrent f’Mejju 1993 ottjena post graduate certificate in hospital management mill-universita’ ta’ Birmingham.

Mill-file tar-rikorrent u ta’ Abela ma rrizultalux li f’Ottubru 1994 kienu applikaw ghal grad ta’ d-Departemental Nursing Manager kif ukoll ghal Manager Nursing Service ghalkemm ikun hemm file apposta ghall-promozzjonijiet. F’dawn il-promozzjonijiet id-Dipartiment tas-Sahha ma dahal f’xejn. Il-bord ta’ l-ghazla jikkostitwih il-PSC.

Semma li kien appuntat Chairman Frank Bartolo u git appuntata s-Sinjura Kershaw. Ix-xhud ma kienx f’posizzjoni jghid jekk id-Dipartiment tas-Sahha rrakomanda lill-Bord ta’ l-ghazla dwar il-kriterji li ghandu juza u qal li l-procedura tappartjeni ghal PSC. Id-Dipartiment tas-Sahha jircievi kopja tar-rizultati mill-PSC u kopja tar-rapport tal-bord ta’ l-Ghazla u fuqu jaghmel ir-rakkomandazzjonijiet ghall-appointments. Ir-rizultati jigu ghandu u hu jipprepara r-rakkomandazzjonijiet u mbaghad wara jigu approvati mis-CGMO. Hu u CGMO dejjem jibqghu fuq il-gradwatorja li tkun waslet skond ir-rizultat mir-rapport tal-PSC.

Qal li d-dipartiment ma jaghti l-ebda rakkomandazzjonijiet fil-bord tal-ghazla fir-rigward tal-promozzjonijiet anki jkun il-bord ta’ l-ghazla li jaghti r-rakkomandazzjonijiet lid-

Dipartiment. Il-Bord appuntat jimxi fuq il-kriterji tal-PSC u x-xhud mhux membru tal-PSC.

Esebixxa l-awtorizzazzjoni tat-transfer tar-rikorrent fejn hemm miktub li dan gie approvat u hu ffirmat mix-xhud. Hu kien ircieva direttivi minghand il-Parliamentary Secretary. Huwa qal li bhala direttur tal-Human Resources jaghti t-trasferimenti ghax jigi ordnat u l-esigenzi ma jkunx rahom hu. Fil-kaz tar-rikorrent u Abela ma kienx hemm talba ghat-trasferiment minnhom stess. Hu kkonferma li d-dokument a fol 67 tal-process li hi l-ittra tat-transfer tar-rikorrent. Qal li qatt ma kkomunika mat-tabib Bartolo biex dan it-trasferiment jigi esegwit. Qal li jirrizultalu wkoll li f'Settembru 1990 ir-rikorrent kien talab l-allowance minhabba l-mard infettiv u kien inghata l-allowance ta' Lm12 fis-sena. Esebixxa wkoll l-awtorizzazzjoni tat-trasferiment ta' Attard esebita minn fol 86 sa 90.

**KONKLUZJONIJIET:**
Illi ghalhekk jirrizulta li r-rikorrent qieghed jilmenta taht zewg aspetti u cioe` li hu gie trasferit fl-1987 minn St. Vincent De Paul Hospital ghal Tal Ferha Estate u b' hekk minn l-oghla kariga fin-Nursing f' Malta spicca jmexxi istituzzjoni zghira u cioe` minflok 1000 resident u 600 impjegat spicca b' 6 morda u 12-il impjegat u l-morda kienu affettwati mill-marda tal-lebbra. Dan it-Tribunal diversi drabi sostna li l-ezigenzi tas-servizz ghal trasferiment iridu jigu ppruvati. Infatti fil-kawza fl-ismijiet "Godwin Pulis vs Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim`Ministru et" deciza fit-23 ta' Marzu, 1999 it-Tribunal qal:

"Meta jsiru domandi lil min ikun responsabbli ghat-transfers it-Tribunal jisma' dejjem li fil-kuntratt tax-xoghol hemm stipulat li dan jista' jsir skond l-esigenzi tas-servizz, kif ukoll li ma hemm ebda ligi li tghidlek li dan irid ikun bil-miktub u li jinghatw r-ragunijiet ghalih. Veru li sfortunatament ma hemmx ligi f'dan ir-rigward, izda f'dan is-seklu ghalkemm il-haddiema ghandhom hafna aktar doveri milli xi whud minnhom jifmu, fl-istess hin hemm id-dover sakrosant li ghandhom jigu stmati bl-ahjar mod

possibli. Il-kliem esigenzi tas-servizz mhix xi lokuzzjoni frivola li wiehed jghaddiha bhala passatemp – infatti l-esigenzi tas-servizz iridu veru jirrekjedu hekk. Is-serjeta' titlob ukoll li transfer ikun hemm raguni valida ghalih, u ferm desiderabbli li jinghata bil-miktub jekk kollox hu "above board".

Fil-kaz in ezami dawn l-ezigenzi tas-servizz la gew imsemmija u anqas biss b' xi mod ippruvati. Kull ma seta' jirrispondi s-Sur Lautier kien li l-ezigenzi ma jiddecidihomx hu izda haddiehor u rrizulta li fil-fatt kien mill-Ministeru li gie deciz li jsir it-transfer. Irrizulta li r-rikorrent kien haddiem dedikat u efficjenti u dan it-Tribunal ma jistax jifhem kif haddiem li kien kapaci jmexxi istituzzjoni kbira ntbaghat imexxi qasam zghir minghajr raguni valida. L-ezigenza tas-servizz ma giet b' ebda mod pruvata u ghalhekk iqis tali trasferiment bhala ingust fit-termini tal-Att VIII tal-1997.

It-tieni aspett tal-ilment jirrigwarda n-nuqqas ta' promozzjoni ghal Departimental Nursing Manager u Manager Nursing Service fil-Health. Dwar dan l-intimat eccepixxa li hu mhux il-legittimu kontradittur peress li l-hatra ssir mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku kif ukoll l-insindakabbilita` taghha permezz tal-Artikolu 115 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. It-Tribunal jichad l-eccezzjoni tal-initmat Tabib Principali tal-Gvern li mhux legittimu kontradittur. Infatti l-Artikolu 181B jaghmilha cara li "Il-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat mill-materja in kwistjoni." Dan ifisser li r-responsabbilta` tibqa' tat-Tabib Principali tal-Gvern. Rigward l-insindakkabbilita` tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq il-bazi ta' l-Artikolu 115 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, it-Tribunal jaghmel referenza ghad-decizjoni moghtija minnu fil-kawza fl-ismijiet John Bilocca vs Dipartiment tas-Sahha deciza fis-7 ta' Mejju 1998 u ghall-istess raguni jichad din l-eccezzjoni.

Ir-rikorrent kien applika fl-1993 ghall-karigi msemmija. Issa meta t-Tribunal irid jasal biex jikkonkludi saritx ingustizzja meta r-rikorrent ma nghatax il-promozzjoni jrid

ikollu quddiemu mhux biss il-prova li r-rikorrent huwa bniedem kapaci, efficjenti u dedikat izda jrid ikollu prova dwar kull wiehed minn dawk li fil-fatt ha tali promozzjoni. Hawnhekk hu necessarju li t-Tribunal ikun jaf dettaljatament xi kwalifiki kellu r-rikorrent fiz-zmien in kwistjoni u xi kwalifiki kellhom l-applikanti l-ohra li fil-fatt gew moghtija tali promozzjoni. L-istess irid jinghad dwar seniority fil-kariga li jokkupa r-rikorrent u l-applikanti l-ohra. Huwa necessarju wkoll li t-Tribunal ikollu ghajnuna ohra fis-sens li xi persuni superjuri ghall-applikanti jkunu esprimew l-opinjoni taghhom dwar liema mill-applikanti kien l-aktar idoneju biex jiehu l-promozzjoni. Meta wkoll jinghataw marki dwar kriterji ohra bhal personalita` kif ukoll elementi suggettivi t-Tribunal jista’ forsi jasal ghal din il-konkluzjoni jekk ikollu l-opportunita` li barra milli jkollu fil-prezenza tieghu lir-rikorrent jigu prodotti bhala xhieda l-persuni l-ohra li nghataw tali promozzjoni. Issa fil-kaz in ezami t-Tribunal ma kellux din l-opportunita` parzjalment dan dovut ghall-fatt li l-intimat ma tantx ikkopera biex jaghti tali informazzjoni u f’ diversi okkazjonijiet ipprova juza l-elementi ta’ privilegg biex ma jaghtix l-informazzjoni utli lil dan it-Tribunal. Ghalhekk meta wiehed jikkunsidra kollox it-Tribunal ikollu jasal ghall-konkluzjoni li r-rikorrenti huwa certament bniedem kapaci izda ma jistax fl-istess hin jikkonkludi li saret ingustizzja meta ma nghatax il-promozzjoni. Ghal dawn il-motivi ma jistax jilqa’ t-talba tar-rikorrent ghall-promozzjoni.

Jibqa’ biss ghalhekk li t-Tribunal jasal ghar-rimedju ta’ kumpens ghat-transfer ingust li nghata lir-rikorrent li ghal tant snin twal kellu jbati l-konsegwenzi tad-decizjoni ingusta. It-Tribunal peress li ghalhekk isib l-ilment gustifikat, u peress li ma jistax f’dan il-kaz jordna rimedju kompensattiv, jirrikmanda li jsir hlas ta’ kumpens ta’ tlett elef lira [LM3000].

Spejjez kontra l-intimat.

---------------------------------TMIEM---------------------------------